Minuti tat-tnejn u tletin (32) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis 29 ta' April 2010 fil-5.30pm.

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi Sindku: | Is-Sur Anthony Borg |
| Kunsilliera: | Is-Sur Victor Cefai<br>Is-Sur Horace Micallef<br>Is-Sur Lorry Apap |
| Segretarju Eżekuttiv: | Is-Sur Karl Vella |

## 1. TALBA

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv beda l-laqgħa permess ta' talba.

## 2. QARI, KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Numru 31 li saret nhar it-Tlieta 30 ta' Marzu 2010 mis-Segretarju Eżekuttiv. Dawn ġew approvati mill-membri tal-Kunsill u ġew iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u mis-Sindku.

## 3. QARI TAL-MEMOS, LMENTI / SUĠĠERIMENTI U KORRISPONDENZA PRINĊIPALI

### (a) Memos

| | |
|---|---|
| - Memo 52/2010 | Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Korsijiet *Lifelong Learning* |
| - Memo 53/2010 | Mistoqsijiet Parlamentari Numru 15042 |
| - Memo 54/2010 | Mistoqsijiet Parlamentari Numru 15044 |
| - Memo 55/2010 | Mistoqsijiet Parlamentari Numru 15047 u 15051 |
| - Memo 56/2010 | Mistoqsijiet Parlamentari Numru 16382 u 16383 |
| - Memo 57/2010 | Mistoqsijiet Parlamentari Numru 15062 |

Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jirrispondi il-Mistoqsijiet Parlamentari

### (b) Ilmenti / Suġġerimenti

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ilment li rċieva mingħand is-Sur Ismael Sultana li qiegħed jitlob li ssir bankina quddiem ir-residenza tiegħu 60/61, Triq l-Isptar San Ġiljan, Fontana. Fuq proposta tal-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel li peress li


Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

t-triq ser tinqala din ma ssirx għalissa.

**(c) Korrispondenza Prinċipali**

(i) Ġejna nfurmati mill-OPM li l-post ta' fejn għandu jiġi offrut is-servizz ta' WiFi *Access Point* ser jiġi mibdul għall-Pjazza ta' quddiem il-Knisja u mhux fil-*Playing Field* kif kien maqbul f'laqgħa preċedenti. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret żjara ma' rappreżentant ta-kumpanija, is-Sur Stephen Muscat, u sar qbil li l-WiFi *Access Point* jkun ħdejn it-taraġ tal-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb sabiex japplika għal-linja tat-telefon tal-kumpanija GO plc.

(ii) Attivita' Sportiva ġewwa l-Bajja tax-Xlendi nhar il-31 ta' Lulju u 1 t'Awissu 2010. Is-Sindku qal li għanda nitolbu l-permess lill-Kunsill tal-Munxar u lil Malta Martime Authority. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-laqgħa li kellu mas-Sur Joe Bajada, rappreżentant tal-Kummissjoni Nazzjonali tal-Isport ġewwa Għawdex, hu ġie nfurmat li kompetizzjonijiet ma jistgħux isiru għax dawn imorru kontra l-kunċett tal-iskema. Il-Viċi Sindku ppropona li parti mill-fondi li ngħata l-Kunsill għandhom imorru għal xiri ta' apparat ħalli dan jibqa' tal-Kunsill u jekk l-attivita tibqa' ssir kull sena l-Kunsill ikun jista jkabbar.

(iii) Rigward in-Notte Gozitana, is-Sindku kellem lil *Gozo Cottage Industry* u hu lest li jkollu post fuq l-*stand* li ser ikollu l-Kunsill. Is-Sindku qal li ser ikellem ukoll lil Daniel Mercieca ta' Bacchus Winery sabiex joffri l-prodotti tiegħu fuq l-*stand* tal-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li ser javviċina lil Cikku Cordina biex jaħdem xogħol tan-nassi tal-qasab fuq l-istand. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ġie mitlub jibgħat ħames ritratti *high resolution* fuq cd sabiex dawn jiġu esibiti fl-istess daqs u format. Is-Sindku ppropona wkoll li nsibu lil xi ħadd sabiex idoqq il-kitarra fejn l-*istand*. Is-Sindku ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv flimkien ma' ħaddiem tad-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali jieħdu ħsieb li s-Sibt filgħodu jarmaw l-*istand* peress li hu ser ikun qiegħed jattendi l-laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki organizzata mill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv oġġezzjona u qal li l-uffiċċju tal-Kunsill ma jistax jingħalaq. Il-Kunsillier Horace Micallef qabel u qal li kien hemm Kunsilli Lokali li ġew immultati għax l-uffiċċju tagħhom kien magħluq is-Sibt. Għaldaqstant il-Kunsillier Victor Cefai flimkien mal-ħaddiem tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali ser jieħdu ħsieb li jarmaw l-*istand.* Il-Kunsillier Horace Micallef ippropona li ma l-istand nwaħħlu banner tal-Fontana Fireworks Festival ukoll. Għaldaqstant ġie maqbul li nqabbdu lis-Sur John Cordina sabiex jieħu ħsieb jieħu xi ritratti u jiddisinja u jipprintja l-*banners*.

(iv) Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li kien ingħata d-digriet tal-Mandat li l-Kunsill kien għamel kontra s-Sur Lorry Attard u d-Dipartiment tal-Proġetti u Żviluppi. Id-digriet jgħid li "*in vista* tal-fatt li ntlaħaq ftehim dwar kif għandhom isiru x-xogħolijiet, ma jidhirx li llum dan il-Mandat huwa meħtieġ, u għalhekk tiċħad it-talba għall-ħruġ tiegħu." Is-Sindku


Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

kompla billi qal li l-avukat difensur tal-kuntrattur Dr Alfred Grech kien bgħatilna l-kont biex inħalsuh. Is-Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv biex jistaqsi lill-Avukata tal-Kunsill jekk aħniex obbligati li nħalsuh. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma dan u qal li sa llum ma konniex irċivejna risposta mingħand l-Avukat. Il-Kunsill qabel li joħroġ il-permess lill-kuntrattur Lorry Attard b'dawn il-kundizzjonijiet:
Ix-xogħol irid isir bl-idejn jew l-aktar b'Bobcat miż-żgħar b'roti tal-lakstu u li jitqiegħed l-injam fuq il-*porfido*.

(v) Is-Sindku u l-Viċi Sindku kkonfermaw li ser jattendu għal-laqgħa tas-Sindki li ser issir ġewwa l-lukanda Calypso, Marsalforn, nhar il-14 u 15 ta' Mejju 2010. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat iċ-ċekkijiet neċessarji.

(vi) Kera tas-Sala tal-Komunita. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li hu kien akkwista kopja ta' *Bye Law* simili li Kunsill ieħor kien ħareġ. Il-membri tal-Kunsill qablu li l-minimu kera mitluba għanda tkun ta' €100 u l-massimu ta' €250 għal meta ssir xi elezzjoni. Barra minhekk kull minn jikri s-Sala għandu jkun obbligat li jnaddaf warajh.

(vii) Transport Malta nfurmawna li ma jsibu ebda oġġezzjoni li jsiru *double yellow lines* fi Triq is-Sajjieda kantuniera ma Trejqet Bieb il-Għajn. Meta x-xogħolijiet ikunu lesti, il-Kunsill għandu jinforma lil Gozo TM Office. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dawn diġa' saru.

(viii) Ġejna nfurmati mill-Perit Attard Montalto li l-kont mibgħut lis-Sur Niki Saliba fl-Invoice Number 3477 huwa korrett. Dan il-kont għandu jitħallas minn Niki Saliba għax-xogħolijiet ta' kejl relatati mal-bini tas-sala u strutturi oħra fi Triq ta' Mulejja. Il-Kunsill qabel li press li din hi l-ewwel darba li ma nżammux ħamsa fil-mija *Contract Manager Fee* mil-Perit peress li dan ix-xogħol sar mis-Sindku u l-Kunsillier Lorry Apap għandu jittieħed parir mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk il-Kunsill jridx iħallas dan il-kont.

(ix) Il-Ministeru għal Għawdex stieden lill-membri tal-Kunsill kif ukoll lill-anzjani tar-raħal sabiex nhar il-Ħadd 9 ta' Mejju 2010, fl-okkażżjoni ta' Jum l-Omm, jipparteċipaw f'quddies fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Transport b'xejn ser jiġi provdut mill-pjazza tar-raħal.

(x) Il-kumpanija OS3 informawna li ma għadx baqa spazzju fuq il-*website* tal-Kunsill, għaldaqstant talbuna biex nixtru aktar *web space* jekk irridu li npoġġu l-Minuti fuq il-*website*. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li s-Segretarju Eżekuttiv kien ippropona li ma nibqgħux npoġġu l-Minuti fuq il-*website* tal-Kunsill ladarba dawn qegħdin jitpoġġew fuq il-website tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jpoġġi l-Minuti mit-2008 fuq il-*website* tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u javża lill-OS3 sabiex dawn jitneħħew minn fuq il-website tal-Kunsill.

(xi) Nhar it-13 u 14 ta' Mejju 2010 s-Segretarju Eżekuttiv ġie mistieden jattendi għal kors tas-Segretarji Eżekuttivi. Il-kors ser isir ġewwa Ħal Lija.

(xii) Transport Malta informawna li l-applikazzjoni tas-Sur Carmelo Cordina


Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

għal-*Reserved Parking Bay* ma kienetx aċċettata minħabba l-fatt li l-persuna li applikat f'ismu ma kienetx toqgħod fl-istess residenza tiegħu u kellha indirizz differenti (Xewkija). Is-Sindku ppropona li niktbu lil Transport Malta u nitolbuhom sabiex r-*Reserved Parking Bay* f'isem Ms. Maria Chantelle Bugeja titneħħa minħabba l-fatt li hi ma għandiex ir-rekwiżiti neċessarji peress li skont il-proċedura ta' Transport Malta persuna trid li ma tkunx timxi jew fuq il-*wheelchair*. Barra minhekk skont ir-Reġistru Elettorali, sid il-vettura s-Sur Victor Bugeja mar joqgħod fil-Flats taċ-Ċawla, Rabat Għawdex. Il-Kunsill qabel.

(xiii) B'referenza għal Memo 12/2010 (Għajnuna għat-Tħawwil ta' Siġar), ġejna nfurmati li l-applikazzjoni li ssottometta l-Kunsill ġiet milqugħa. Pero, ġie deċiż li l-Gvern Ċentrali joħroġ ⅔ tal-ispejjeż u l-Kunsill joħroġ ⅓. Għaldaqstant il-Kunsill għandu joħroġ €918.50 għas-siġar. Il-Kunsill hu mitlub li jinforma lil OPM jekk hux ħa jaċċetta din il-proposta. Il-Kunsill qabel li flok 40 napplikaw għal 20 siġra u ninfurmaw lil OPM li ser niġbruhom wara li titlesta t-triq tax-Xlendi ħalli ma jsirulhomx ħsara.

## 4. GĦOTI TA' TENDERS

a. *FONT 01/2010 – Photovoltaic System for Civic Centre*: Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport li pprepara l-Ing Galea rigward din l-offerta. L-Ing irrikkomanda l-offerta ta Solar Engineering Ltd li tammonta għal €10,228.63. Il-membri tal-Kunsill qablu li joqogħdu fuq il-parir tal-Inġinier..
b. *FONQ 01/2010 – Servizz ta Insurance tal-Kunsill:* KDM Insurance Brokers Ltd kienu l-uniku kumpanija li ssottomettew il-*quotation* għal dan is-servizz, u għaldaqstant il-Kunsill qabel li jaċċetta din l-offerta. L-quotation li ssottomettew KDM Insurance Brokers Ltd kienet ta' €1,760.47. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jinforma b'dan lil KDM Insurance Brokers Ltd.
c. *FONQ 02/2010 – Restawr tal-Għajn ta' Bendu*: It-total ta waħda mill-*quotations* ma kienx imniżżel. Il-Kunsill qabel li jieħu parir mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali qabel ma jiddeċiedi liema *quotation* ser jagħżel. Il-Kunsill qabel li jekk id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ma jsibx oġġezzjoni għandi tiġi aċċettata l-*quotation* tas-Sur Joe Muscat, dan fuq ir-rapport li għamel il-perit imqabbad mill-Kunsill. Il-quotation li ssottometta is-Sur Joe Muscat kienet tammonta għal €1,065.50.
d. *FONQ 03/2010 – Rimi ta' Apparat Elettroniku Qadim:* Din l-*quotation* ma ġabarha ħadd, għaldaqstant, is-Sindku qal li l-Kunsill qabel li għandna nibgħatu ittra lil rappreżentanti tal-kumpanija VSS Ltd sabiex jivvalutaw l-apparat elettroniku qadim li għandu l-Kunsill. Jekk dan ma jkollux valur, il-Kunsill qabel li dan għandu jintrema. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jibgħat l-ittra.
e. *Expression of Interest* – Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li wara li nfetħu l-offerti, kien hemm tlieta mill-applikazzjonijiet ma kellhomx total. Is-Segretarju Eżekuttiv kien talab parir lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif għandu jimxi, u


Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

hu ġie nfurmat li l-liġi tal-Kunsilli Lokali ma tispeċifikax x'għanda tkun il-proċedura f'dan il-każ u għaldaqstant irrakkomandaw li nkellmu avukat. Id-Dipartiment informa lill-Kunsill li f'każ ta' *tender* jew *quotations*, il-Kunsill għandu jiddeċiedu hu jekk dawn għandhomx jiġu kkunsiderati bħali validi jew le. Il-Kunsill qabel li nieħdu parir mingħand l-Avukat Samuel Azzopardi.

## 5. MATERJI OĦRA

a. Tindif tal-Wied tax-Xlendi – Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jingħata ħaddiema tal-IPSL sabiex jibnu l-ħitan tas-sejjieħ. Il-Kunsill irid joħroġ l-ispejjeż tal-materjal. Il-Viċi Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jgħaddilu kopja tal-permess tal-MEPA sabiex ikun jista' jgħaddih lis-Sur Anthony Zammit, uffiċċjal responsabli mill-Proġett Eko-Għawdex. Is-Sindku qal li hu nforma lil Perit Saliba sabiex javża lill-MEPA li ħa jsir ix-xogħol tal-ħitan tas-sejjieħ f'Ġunju 2010. Is-Sindku ppropona u l-membri tal-Kunsill qablu li x-xogħol ta' tħammil għal pedament tal-ħitan tas-sejjieħ għandu jagħmlu s-Sur Nicky Saliba.
b. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li wara t-talba li saritlu mill-Kunsillier Horace Micallef hu kien ikkuntatja lill-Awdituri sabiex jsir appuntament biex huma jagħtu spjega tal-Financial Statements tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv kien infurmat li l-Awdituri qegħdin jippjanaw li jiġu ġurnata Għawdex u jżuru diversi Kunsilli Lokali, pero d-data għada mhux deċiża.
c. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Kuntratt tal-*patching* fit-toroq tal-Fontana ġie iffirmat nhar it-28 t'April 2010. Is-Sindku qal li saret żjara mal-kuntrattur Benny Gatt li ser jagħmel il-*patching* fit-toroq fejn ser isir ix-xogħol.
d. Is-Sindku informa lil Kunsill li mal-blata kbira fi Triq ix-Xlendi hemm xi *spray* aħmar b'forma ta' graffiti. Il-Kunsillier Horace Micallef ikkonferma dan u qal li għandu xi ritratti ta din il-"blata" u ser jgħaddihom lis-Segretarju Eżekuttiv. Il-Vici Sindku ppropona li l-Kunsill iġib stima sabiex jara jekk dan jistax jitnaddaf. Peress li din hi *area* skedata, il-Kunsill qabel li niktbu lil MEPA u nitolbuha sabiex dan jitnaddaf. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jikteb lil MEPA u jibgħatilhom ir-ritratti li jgħaddilhu l-Kunsillier Horace Micallef.
e. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li attenda għal-laqgħa tal-MEPA fejn sari l-ħruġ tal-permess sabiex tinbena replika tal-Għajn tal-Loġoġ. Dan bil-kundizzjoni li jitneħħew il-gradi tal-ħadid li kienu proposti fl-applikazzjoni.
f. Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera japplikaw għall-iskema tal-*Health Policy* mnedija mill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Din l-iskema tibda fl-1 ta' Mejju 2010 u hi valida għal 12-il xhar.
g. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kien talab lill-eks Aġent Segretarju Eżekuttiv Ġuża Borg sabiex hi tillogja fil-*computer* tal-Kunsill sabiex hu jkun jista jaċċessa xi dokumenti li kienet għamlet hi. Is-Sinjorina Borg infurmat lis-Segretarju Eżekuttiv li hi kienet insiet il-*password*. Is-Segretarju Eżekuttiv saqsa lill-MITA jekk kienx hemm xi mezz li hu jista jaċċesja dawn id-dokumenti pero huma qalulu li mingħajr il-*password* ma setax. Għaldaqstant dawn id-dokumenti mhumiex aċċessibli.
h. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċivejna mistoqsija parlamentari rigward il-kera tal-uffiċċini tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntratt li


Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

hemm fil-*file* skada fit-2007. Il-Viċi Sindku qabel li jekk trid tinħareġ offerta hu jaqbel li din toħroġ.

i. L-Awdituri bgħatulna l-*Management Report* u l-Kunsill irid jibgħat ir-risposta tiegħu sal-20 ta' Mejju 2010. Is-Sindku ser jibgħat ir-risposta. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li wara li saru l-*Financial Statements* għall-perijodu li għalaq fil-31 ta' Diċembru 2009, hu rċieva aktar minn €5,000 f'kontijiet tas-sena finanzjarja li għalqet u li suppost daħlu fil-*Financial Statements*. Għalqastant dawn iridu jitnaqsu mill-*Budget* ta' din is-sena. Dan irriżulta minħabba l-fatt li *Purchase Orders* ma kienux qegħdin isiru u għaldaqstant ma kienx possibli li tikkalkula l-*commitments* li għandu l-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li suppost il-*Purchase Orders* iridu jinħarġu qabel ma jiġi ordnat xi ħaġa, anke jekk dawn jiġu maqbula li jinxtraw waqt laqgħa tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li peress li hu ma kienx jordna affarijiet ma kienx qiegħed joħroġ *Purchase Orders*. Il-Kunsill qabel li għanda tinħareġ *Purchase Order* mis-Segretarju Eżekuttiv qabel ma tinxtara kwalunkwe' ħaġa f'isem il-Kunsill.

j. Il-Kunsill ġabar ukoll tlett *quotations* għall-*waste bins*. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jinxtraw mingħand is-Sur Mario Mallia peress li dawn huma l-orħos.

k. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċivejna mistoqsija parlamentari sabiex nibgħatu xi rapporti finanzjarji tal-perijodu tal-2009, pero' hu qal li dawn ma sabhomx fil-*files*. L-aħħar *Business Plan* li hemm fil-*file* hu dak tal-perijodu 2006-09. Is-Sindku qal li dawn kienu ġew approvati mill-Kunsill. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li s-Segretarju Eżekuttiv hu responsabli li dawn isiru.

l. Is-Sindku nforma li sar it-tindif u qtiegħ ta' ħaxix, kif ukoll żebgħa tal-għamara tat-triq kull fejn kien hemm bżonn. Għal dan il-għan intużaw ukoll il-ħaddiema tal-Iskema tal-Komunita'.

m. Is-Sindku ppropona li għall-aħħar ta' Mejju ssir ħarġa ġewwa Għawdex.

n. Is-Sindku ppropona li għandu jitneħħa l-fanal ta' b'erba' ħdejn l-Għajn ta' Bendu. Il-membri tal-Kunsill qablu.

o. Is-Sindku qal li trid tinxtara żebgħa bajda u safra għas-sinjali tat-traffiku.

p. Ħaddiem taħt l-iskema tal-Komunita tal-ETC, is-Sur Raymond Muscat, talab li ma jiqbax jaħdem mal-Kunsill minħabba l-fatt li kien qiegħed jonfoq ħafna *petrol* biex jiġi mid-dar għax-xogħol. Il-Kunsill laqgħa t-talba tiegħu.

q. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jikteb lill-Water Service Corporation biex jerġa jissuġġerixxi dak li kien ppropona l-Kunsill aktar minn sena u nofs ilu, jiġifieri li jitwaħħal *generator* fil-*pumping station* tad-drenaġġ f'Wied il-Lunzjata bħala waħda mill-proposti għal Eko-Għawdex. Il-Kunsillier Horace Micallef ikkundanna dak li ġara fit-2 t'April 2010 u staqsa jekk bħala Kunsill kellux involviment dirett fit-tindif u fl-investigazzjoni ta' dan l-att. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma kienx infurmat b'dak li ġara. Is-Sindku qal li is-Sibt 3 t'April 2010 waqt li kien għaddej mill-Wied innota riħa qawwija ta' diesel u ra l-Wied miksi biż-żejt. Hu ċempel lil MEPA u ġie nfurmat li kien diġa' daħal rapport. Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa jekk nistgħux nitolbu lill-Awtoritajiet konċernati biex jagħtuna rapport serju rigward l-estensjoni tal-ħsara li saret permess ta' dan iż-żejt f'Wied il-Lunzjata u x'passi qegħdin jittieħdu biex dan



Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

ma jerġax iseħħ fil-futur, speċjalment minħabba l-fatt li l-bdiewa ta' dawn il-viċinanzi jagħmlu użu minn l-ilma u fl-istess wied jinsab il-qabru tal-ilma ħelu. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb jipprepara dawn l-ittri.

r. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li bil-liġi l-Kunsill hu obbligat li *"L-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill għandhom ikunu miftuħa għall-pubbliku fil-ġranet kollha tax-xogħol inkluża l-ġurnata tas-Sibt u matul il-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju"*. Hu kompla billi qal li dan mhux qiegħed isir minħabba l-fatt li meta jattendi għal xi seminar, laqgħa, joħroġ fuq xogħol jew ikun *leave* l-uffiċċju tal-Kunsill mhux qiegħed joffri servizzi lill-pubbliku. Is-Sindku ppropona li nitolbu lil xi ħadd mill-Iskema tal-Komunita tal-ETC. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kien ħa parir mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Assistent Direttur, is-Sur James Catania, nfurmah li dan ma jistax isir għax il-ħaddiema li jaċċettaw flus, joħorġu riċevuti jew permessi, ħlasijiet ta' kontravenzjonijiet eċċ jridu jkun fi grad minimu ta' skrivan. Is-Sindku qal li mela l-Kunsill m'għandux bżonn jitlob aktar ħaddiema taħt l-iskema tal-Komunita. Il-Viċi Sindku ppropona li l-Kunsill jimpjega skrivan *part-time*. Is-Sindku ma qabilx u qal li l-Kunsill s'issa dejjem ħadem b'impjegat wieħed u għaldaqstant m'hemmx bżonn ta' aktar impjegati jekk ma ningħatawx fondi għalih, dan għar-raġuni li l-*budget* hu limitat. Wara diskussjoni, il-membri tal-Kunsill qablu li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jitlob lid-Dipartiment biex jingħatawlu aktar fondi sabiex ikun jista jimpjega skrivan.

s. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li hemm gallerija fil-bidu ta' Triq il-Kappillan Ġużepp Hili li qiegħda fi stat ħazin u tista taqa'. Hu saqsa jekk bħala Kunsill nistgħux niġbdu l-attenzjoni lis-sid. Is-Sindku qal li l-proċedura hi li jsir rapport lill-Pulizija mbagħad jieħdu l-passi huma.

t. Saret l-applikazzjoni lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali skond Memo 45 dwar Public Private Partnership dwar resurfacing ta' toroq. Il-Kunsill applika biex isiru Triq l-Isptar San Ġiljan u parti minn Triq il-Għajn bejn Pjazza Santu Wistin u Triq il-Kappillan Ġużepp Hili.

u. Is-Segretarju Eżekuttiv attenda għal kors fuq tlett ijiem għas-Segretarji Eżekuttivi ġodda, gewwa l-University Residenċe, Lija. Fost is-suggetti li gew diskussi kien hemm: L-Att dwar il-Kunsilli Lokali, Ir-Rwol ta Membru tal-Kunsill, Ir-Rwol ta Segretarju Ezekuttiv, Ir-Rwol tal-Assoċċazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Ir-Rwol tal-Assoċċazzjoni tas-Segretarji tal-Kunsilli Lokali, u *Customer Care*.

v. Is-Sindku attenda laqgħa dwar ir-riforma tal-*Local Enforcement System*. Din saret fil-Kunsill Lokali Rabat (Għawdex) u ġiet indirizzata mill-Onor Chris Said Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali.

w. Saret ħarġa soċjo-kulturali għar-residenti tal-Fontana f'Malta. Bdejna ż-żjara fl-inħawi tal-Kappella ta' Binġemma fl-Imġarr, wara morna għall-Festa Frawli fl-istess lokalita. Għall-ħabta ta' nofsinhar żorna l-Imdina għall-Festival Medjevali. Attendew 70 persuna, fosthom is-Sindku, il-Kunsilliera Victor Cefai u Horace Micallef u s-Segretarju Eżekuttiv. Għaż-żjara ta' Binġemma u l-Imġarr attenda wkoll il-Viċi Sindku.


Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

x. Sar il-kejl minn ħaddiema tad-Dipartiment tal-Artijiet, tal-Għajn il-Kbira u xelter fl-inħawi ta' Pjaza l-Għejjun li l-Kunsill qiegħed jitlob id-devoluzzjoni tagħhom, kif ukoll tal-fond 191 fi Triq il-Għajn li hu parti mill-proġett tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Ġejna wkoll nfurmati mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li l-applikazzjoni tal-Kunsill ġiet *shortlisted* biex jingħata fondi speċjali għal-lokalitajiet żgħar biex tibda tinbena t-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku, u għal passaġġ bil-ġebel tal-qawwi f'Tarf Triq Għajn Tuta li twassal sa Wied il-Lunzjata.

y. Saret laqgħa mas-Sur Charlie Zammit, *Cultural Organiser*, dwar il-*Fontana Fireworks Festival*. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti is-Sindku, il-Kunsillier Horace Micallef u s-Segretarju Eżekuttiv. Ġew diskussi diversi attivitajiet li jistgħu jiġu mtellgħa għal dan il-Festival. Is-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef kellhom ukoll kuntatti ma rappreżentanti taż-żewġ kmamar tan-nar tal-Fontana u s-Sur Joseph Galea mid-dilettanti li jieħdu sehem fil-Festa.

z. Is-Sindku attenda għal seduta oħra tal-Qorti fejn ta x-xhieda tiegħu, bħala xhud tad-Dipartiment tal-Artijiet, fil-kawża li qed jagħmel is-Sur Anthony Cassar lid-Dipartiment tal-Artijiet dwar l-iżgumbrament tal-fond 189, 190 fi Triq il-Għajn, fejn hu propost li jinbena l-uffiċċju tal-Kunsill. Huwa nfroma lill-Kunsill li ġie mgħajjar "giddieb" waqt is-seduta mis-Sur Cassar għaliex fix-xhieda tiegħu qal li lis-Sur Cassar rah mal-mara tiegħu Anġiolina.

aa. Is-Sindku qal ukoll li qed isir il-manutenzjoni tal-bankini kollha fi Triq il-Għajn. Dan qed isir mil-ħaddiema tal-Kunsill.

bb. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat mis-Sur John Cordina li flimkien ma' dilettanti oħra soltu jieħdu ħsieb it-tiġrijiet tal-bhejjem li jsiru fl-okkażjoni tal-festa titulari. Huwa nfurmah li din is-sena ma sabx għajnuna mid-dilettanti l-oħra biex flimkien mal-Kunsill jorganizza din it-tiġrija. Għaldaqstant din is-sena dawn it-tiġrijiet mhux possibli li jsiru.

## 6. APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera, li fil-laqgħa preċedenti kien ġie approvat kont tas-Sur Richard Cauchi li kien jammonta għal madwar €360 taż-*zebra crossing* u hu kien ordna lis-Segretarju Eżekuttiv biex dan ma jinħariġx sakemm jiġi vverifikat li dan ix-xogħol sar kollu. Barra minhekk is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-istess Richard Cauchi kien bagħat kont ta' l-2006, fejn il-Kunsill kien qabel li mhux ħa jħalsu, dan għaliex hu kien biddel bozza tajba.

## 7. FONTANA FIREWORKS FESTIVAL

Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li d-data tal-Festival tan-Nar ġiet posposta għas-Sibt 2 ta' Ottubru 2010 minħabba l-fatt li fil-*weekends* l-oħra kien hemm attivitajiet oħra organizzati minn diversi Kunsilli Lokali u għaldaqstant id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ma aċċettax il-proposta tal-Kunsill. Is-Sindku qal li hu u l-Kunsillier Horace Micallef għamlu diversi laqgħat mas-Sur Charlie Zammit u hu ppropona diversi ideat. Is-Sindku ppropona li jiġu mistiedna diversi kantanti


Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

u għannejja. Il-Kunsillier Horace Micallef esprima x-xewqa tiegħu li ma jkunx hemm intoppi bħalma ma kien hemm fl-organizzazjoni tas-Sagra ta' Sant Indrija li kellha tkun organizata s-sena l-oħra u li spiċċat ma saritx bil-konsegwenza li bagħtiet il-lokalita.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Laqgħa oħra issir nhar it-Tnejn 31 ta' Mejju 2010 fil-5.30pm ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fontana.

| | |
|---|---|
| Karl Vella | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |



Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt